**QORTI CIVILI**

**PRIM' AWLA**

**ONOR. MHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' Nhar l-Erbgha 15 ta' Marzu 2017**

**Kawza Numru : 2**

**Citazzjoni Numru : 898/1992 JPG**

**Joseph Aquilina, Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof, Amministratur tal-Entijiet Djocesani Ekklesjastici kollha ta' Malta ghan-nom u in rapprezentanza tal-Beneficcju ta' Giuspatronat Lajkali msejjah l-Abbazia Nunkupata ta' Sant' Antonio Abbate delli Navarra, kif ukoll l-istess Eccellenza Tieghu Reverendissima Monsinjur Guiseppe Mercieca B.A., S.Th.D., J.U.D., Arcisqof Metropolitan ta' Malta ghan-nom l-Arcidjocesi ta' Malta, u b'nota tal-20 ta' Novembru 2000, Vincent Ciliberti assuma l-atti ta' din il-kawza minflok Joseph Aquilina li miet fil-mori tal-kawza, u permezz ta' digriet tal-1 ta' Marzu 2017 Dr. Patrick Valentino assuma l-atti minflok l-Ekonomu Attur ghan-nom tal-Abbazia Beneficcju ta' Sant' Antonio Abbate delli Navarra, u b'digriet tal-15 ta' Marzu 2017 Dr. Michelle Tabone bhala Ekonomu tal-Monsinjur Archisqof Charles J. Scicluna, Archisqof Metrolpolita ta' Malta, assumiet l-atti ghan-nom u fl-interess tal-Archidjocesi ta' Malta minflok l-Eccellenza tieghu Monsinjur Giuseppe Mercieca li miet fil-mori tal-kawza.**

**VS**

**Registratur ta' l-Artijiet, Richard dei Conti Stagno Navarra Muscati, Dr. Carmelo Galea ghan-nom u in rapprezentanza**

**tas-Socjeta' Berracimp Limited u b'digriet tal-15 ta' Settembru 2010 il-gudizzju gie trasfuz f'isem James Stagno Navarra ID: 894650M f'isem propju u bhala mandatarju ta' hutu msifrin Peter Stagno Navarra ID 1058845M u Stephen Stagno Navarra ID 115848M; Adrian Stagno Navarra ID 108554M, Patrick Stagno Navarra ID 624057M u Lorraine mart Manuel Portelli ID 600160M sabiex ikomplu l-kawza minflok Richard dei Conti Stagno Navarra li miet fil-mori tal-kawza.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-atturi datata 7 ta' Awissu 1992, vide fol 1 et seq, li fiha l-atturi wara li ppremettew is-segwenti:

*Peress li b'kuntratt in atti Nutar Dr Paul George Pisani tat-18 ta' April 1992 il-konvenut Richard de Conti Stagno Navarra Muscati, li kkwalifika ruhu bhala attwali pussessur tal-Beneficcju ossia Giuspatronat Lajkali denominat l-Abbazia Nunkupata ta' Sant'Antonio Abbate delli Navarra fondat minn Donna Cosmana Cassar Cumbo Navarra ghad-dixxendenti tal-Illustrissimo Federico Falzon Navarra, axxendent dirett tieghu, kif konfermat b'digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Volontarja) tas-27 ta' Marzu 1992 ikkonceda u ttrasferixxa in enfiteusi temporanea lid-ditta konvenuta Berracimp Limited porzjon art maghrufa bhala "Ta' Vardati" fil-limiti tal-Qala, Ghawdex, tal-kejl superficjali komplessiv ta' circa 125,980 metri kwadri konfinanti mil-lvant ma' xatt il-bahar, tramuntana u punent ma' beni tal-Abbazia msemmija, u dan ghal perjodu ta' 150 sena estendibbli kif jinghad fil-kuntratt u bic-cens ta' Lm 500 fis-sena rivedibbli kif ukoll jinghad fil-kuntratt.*

*U peress li din il-porzjoni ta' art tinsab f'Registration Area u ghall-imsemmija koncessjoni saret applikazzjoni taht in-Numru 292/1992 (Gozo) ghar-registrazzjoni fil-Land Registrar.*

*U peress li l-istess koncessjoni hi nulla ghax maghmula "a non domino" ghax mhux minnu li l-koncedent Richard Stagno Navarra hu l-attwali pussessur tal-Beneficcju msemmi u d-digriet imsemmi moghti mill-Qorti tal-Magistrati*

*(Ghawdex) fil-Gurisdizzjoni Volontarja taghha fis-27 ta' Marzu 1992 hu wkoll null u karpit surrettazziosament u, fil-fatt, qed jigi attakkat quddiem din il-Qorti fil-kawza Numru 584/92/JSP: hu kien tabilhaqq talab lil Monsinjur Arcisqof jimmettih f'dan il-Beneficcju b'rikors tas-16 ta' Awwissu 1991 li gie michud b'digriet tal-21 ta' Frar 1992;*

*U peress li l-istess koncessjoni hi wkoll nulla ghax tmur kontra l-Istatum tal-Qdusija Tieghu l-Papa mahrug fis-6 ta' Lulju 1988, u debitament migjub a konoxxenza tan-Nutara kollha ta' Malta u Ghawdex, liema Statum jirrikjedi "ad validitatem" l-awtorizzjoni preventiva tas-Santa Sede ghal kull att fuq beni ekklesjastici li jmur oltre l-ordinarja amministrazzjoni u m'hemmx dubju li l-Abbazia msemmija hi enti ekklesjastika.*

*U peress li l-konvenut Dottor Carmelo Galea, patrocinatur tal-konvenut Richard Stagno Navarra Muscati, kienu ghal korrenti tal-fuq espost;*

*U peress li l-atturi ghandhom interess li kollox jimxi "rite ac recte";*

1. *JGHIDU l-konvenuti Richard dei Conti Stagno Navarra Muscati u Dr Carmelo Galea Nomine ghaliex m'ghandux jigi dikjarat u deciz li fuq imsemmi kuntratt ta' koncessjoni enfitewtika ta' l-art "Ta' Vardati" hu null u bla effett ghax maghmul "a non domino" u bi ksur ta' l-Istatutum imsemmi billi l-koncedent Richard dei Conti Stagno Navarra Muscati mhuwhiex il-pussessur legittimu tal-Beneficcju ta' Giuspatronat Lajkali ta' Sant' Antnin delli Navarra, proprjetarju tat-territorju koncess, u f'kull kaz l-istess koncessjoni saret nullament minghajr l-awtorizzazzjoni mehtiega.*

2. *JGHID l-ewwel konvenut nomine ghaliex m'ghandux jigi inibit u mizmum milli jipprocessa l-applikazzjoni li saritlu ghar-registrazzjoni tal-koncessjoni fil-Land Registrar u jekk nonostante kollox l-istess registrazzjoni tkun saret m'ghandux jinzamm milli jagixxi fuqha bhallikieku kienet wahda valida u ritwali – salv kull rimedju ghal min jikkompeti skond il-ligi.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali u kontroprotest tat-30 ta' April 1992 u tal-protest tat-23 ta' Gunju 1992 kif ukoll tal-Mandat ta' inibizzjoni tal-31 ta' Lulju 1992 kontra t-tieni u t-tielet konvenuti.*

*Il-konvenuti huma msejha jidhru ghas-subizzjoni taghhom.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi, datat 7 ta' Awissu 1992, vide fol 3 et seq;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' Dr. Carmelo Galea fil-kwalita' tieghu citata u in rappresentanza tas-societa' Berracimp Limited, datata 17 ta' Settembru 1992 vide fol 63 et seq, u ecceppixxa;

1. *Illi preliminarjament l-esponenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, in kwantu ma tezisti ebda socjeta' illi jisimha "Berracimp Limited", u jekk tezisti tali socjeta' l-eccipjenti ma ghandux ir-rapprezentanza guridika taghha.*

2. *Illi ukoll preliminarjament u interament minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi mhumiex legittimi biex jistitwixxu l-azzjon odjerna ghaliex huma la ghandhom il-pussess u lanqas huma amministraturi tal-Giuspatronat Lakjali in kwistjoni. Huwa il-konvenut l-iehor Richard dei Conti Stagno Navarra li fil-prezent ghandu il-pussess skond id-degriet tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja citat mill-istess atturi.*

3. *Illi fil l-akkwist illi sar mill-kumpannija realment rapprezentata mill-esponenti sar minghand il-persuna li giet konfermata bhala pussessur tal-beneficcju proprjetarju tal-art, u fil-konfront tieghu ma tista' tintalab ebda nullita' kif lanqas ma jista jinghad illi l-eccipjenti nomine akkwista a non domino, kif jallegaw l-atturi. Ghalih il-kontestazjoni tal-pussess hi "res inter alios acta", u anke kieku per ipotesi kellu jigi annullat id-degriet imsemmi, il-pussessur futur attwali ma jkunx jista' jaghmel biss trasferitmenti futur u ghal dawk gia maghmula ma jistax jigi disturbat l-akkwist ta' terzi bhala ma hu l-eccipjenti:*

4. *Illi minghajr pregudizzju u subordinatament anke jekk l-atturi (jew xi wiehed minnhom) ghandhom "locus standi" l-azzjoni hi intempestiva ghaliex saret qabel ma giet deciza l-kawza intentata mill-atturi biex jannullaw id-degriet tal-Qorti fuq imsemmi u l-istess kawza ma gietx deciza favurevolment ghalihom.*

5. *Illi l-pretiza rapprezentanza fl-atturi tmur kontra d-disposizzjonijiet espressi tal-fondazzjoni tal-Giuspatronat Lajkali msemmi, liema fondazzjoni teskludi kull kjeriku mill-pussess tieghu.*

6. *Illi l-istess fondazzjoni teskludi kull kjeriku anke mit-tgawdija tal-istess beneficcju, u ghalhekk l-azzjoni fil meritu ma tista' qatt tirnexxi ghaliex il-konvenut Richard Stagno Navarra hu intitolat ghat-tgawdija proprju ghaliex mhux kjeritu;*

7. *Illi per konsegwenza, il-Beneficcju hu Lajkali u mhux Ekklesjastiku, ma jaqax taht l-awtorita' ekklesjastika, u ma japplikax ghalih il-Kodici Kanoniku, u mhux kolpit bl-Istatutum tal-Qdusija tieghu l-Papa msemmi fic-citazzjoni;*

8. *Illi fi kwalunkwe kaz, kwantu ghall-Istatutm, il-vjolazzjoni tieghu ma tista' qatt timporta in nullita' tal-kuntratt, specjalment bejn persuni lajci, izda talvolta ghal sanzjonijiet spiritwali;*

9. *Illi ghall-finijiet tal-Kap tal-ispejjez, ir-Registratur tal-istess Artijiet ma kellux ghalfejn jigi citat bhala konvenut, u l-eccipjenti li jipprotesta ruhu ghall-ispejjez zejda kawzati li ghandhom dejjem jibqghu a kariku tal-atturi;*

10. *Illi l-atturi huma prekluzi milli jipproducu bhala xhieda il-persuni indikati bin numru 2,4,5, u 6 ghaliex ma gie indikat ebda oggett ta' prova.*

11. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Dr. Carmelo Galea nomine, vide fol 64 u 65;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Registratur tal-Artijiet, fit-18 ta' Settembru 1992, vide fol 68 et seq;

1. *Illi l-presenza tieghu fil-kawza odjerna hija mehtiega esklussivament ghall-iskop tal-eventwali esegwibilita' ta' xi gudizzju relattiv ghall-applikazzjoni ghar-registrazzjoni tal-proprjeta' imsemmija fic-citazzjoni.*

2. *Illi, pero' stante l-funzjoni kwazi gudizzjarja tal-esponent fdata lilu bil-ligi relattiva, senjatament l-artikolu 51 tal-Kap. 296, l-esponent ma jistax jigi "mizmum" jew "inibit" milli jipprocessa l-applikazzjoni relattiva, jekk jidhirlu li jkun il-kaz, salv kull rimedju disponibbli lill-atturi bil-mod stabbilit fl-imsemmi artikolu 51. Effettivament, f'dan il-kaz, l-atturi irregistraw kawzjoni fl-24 ta' Gunju, 1992, ai termini tal-artikolu 35 tal-Kap. 296. Altrimenti, il-funzjoni u ghanijiet tal-ufficcju tal-esponent u l-ligi attinenti ghalih facilment jigu stultifikati.*

   *Illi ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghall-provi u ghad-decizjoni tal-Qorti ghar-rigward tat-talbiet, salv pero li fi kwalunkwe kaz m'ghandux ibati spejjez.*

   *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut ir-Registratur tal-Artijiet, vide fol 69 et seq;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Richard dei Conti Stagno Navarra, datata 5 ta' Novembru 1992, vide fol 74 et seq, li taqra hekk;

1. *Illi preliminarjament, l-atturi mhumiex legittimi biex jistitwixxu l-azzjoni odjerna ghaliex huma la ghandhom il-pussess u lanqas huma amministraturi tal-Giuspatronat Lajkali in kwistjoni. Huwa il-konvenut l-iehor Richard dei Conti Stagno Navarra li fil-prezent ghandu il-pussess skond id-degriet tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja citat mill-istess atturi.*

2. *Illi minghajr pregudizzju u subordinatament anke jekk l-atturi (jew xi wiehed minnhom) ghandhom "locus standi" l-azzjoni hi intempestiva ghaliex saret*

*qabel ma giet deciza il-kawza intentata mill-atturi biex jannullaw id-degriet tal-Qorti fuq imsemmi u l-istess kawza ma gietx deciza favurevolment ghalihom.*

3. *Illi l-pretiza rapprezentanza fl-atturi tmur kontra d-disposizzjonijiet espressi tal-fondazzjoni tal-Guispatronat Lajkali msemmi, liema fondazzjoni teskludi kull kleriku mill-pussess tieghu.*

4. *Illi l-istess fondazzjoni teskludi kull kleriku anke mit-tgawdija tal-istess beneficcju, u ghalhekk l-azzjoni fil-meritu ma' tista' qatt tirnexxi ghaliex il-konvenut Richard Stagno Navarra hu intitolat ghat-tgawdija proprju ghaliex mhux kjeriku;*

5. *Illi per konsegwenza, il-Beneficcju hu Lajkali u mhux Ekklesjastiku, ma jaqax taht l-awtorita; ekklesjastika, u ma japplikax ghalih il-Kodici Kanoniku, u mhux kolpit bl-Istatutum tal-Qdusija tieghu l-Papa msemmi fic-citazzjoni;*

6. *Illi fi kwalunkwe kaz, kwantu ghall-istatutm, il-vjolazzjoni tieghu ma tista' qatt timporta in nullita' tal-kuntratt, specjalment bejn persuni lajci, izda talvolta ghal sanzjonijiet spiritwali;*

7. *Illi ghall-finijiet tal-kap tal-ispejjez, ir-Registratur tal-istess Artijiet ma kellux ghalfejn jigi citat bhala konvenut, u l-eccipjenti jipprotesta ruhu ghall-ispejjez zejda kawzati li ghandhom dejjem jibqghu a kariku tal-atturi;*

8. *Illi l-esponenti ma ghamel ebda koncessjoni favur xi socjeta' jisimha "Berracimp Limited", u ghalhekk fil-kwalunkwe kaz it-talbiet attrici ghandom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi.*

9. *Illi l-atturi huma prekluzi milli jipproducu bhala xhieda il-persuni indikati bin-numru 2,4,5, u 6 ghaliex ma gie indikat ebda oggett ta' prova.*

10. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Richard dei Conti Stagno Navarra, a fol 75 et seq;

Rat in-nota ta' Vincent Ciliberti, Agent Ekonomu tal-Monsinjur Arcisqof datata l-1 ta' Marzu 2001, vide fol 120, illi permezz taghha assuma l-atti tal-kawza minflok Joseph Aquilina;

Rat is-surroga tal-Prim Mhallef Dr. Silvio Camilleri tas-16 ta' Mejju 2014, li permezz taghha din il-kawza giet assenjati lil din il-Qorti kif preseduta, vide fol 158;

Rat in-nota tal-konvenuti ahwa Stagno Navarra, u Dr. Carmelo Galea ghas-socjeta' konvenuta Berracimp Limited tal-20 ta' Frar 2017 li permezz taghha ammettew il-kawza kif dedotta fil-konfront taghhom mill-attrici Abbazia u ddikjaraw ghal kull buon fini li ma kellhomx pretensjonijiet ta' ebda xorta kontra l-atturi, vide fol 189;

Rat in-nota tal-Avukat Dr. Patrick Valentino tal-1 ta' Marzu 2017, illi permezz taghha assuma l-atti ghan-nom ta' l-Abbazia Beneficju ta' Sant' Antonio Abbate delli Navarra minflok l-Ekonomu Attur, vide fol 192;

Rat in-nota ta' Dr. Michelle Tabone bhala Ekonomu ta' Monsinjur Archisqof Charles J. Scicluna, Archisqof Metropolita li biha assumiet l-atti tal-kawza ghan-nom tal-Archidjocesi ta' Malta minflok l-Eccellenza tieghu Monsinjur Guiseppe Mercieca li miet fil-mori tal-kawza.

Rat in-nota ta' cessjoni ta' Dr. Michelle Tabone Nomine illi permezz taghha cediet il-pretensjonijiet tal-Arcidjocesi ta' Malta limitatament fil-kwalita' taghha proprju.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Il-Qorti, in vista' tal-ammissjoni tal-konvenuti ahwa Stagno Navarra u ta Dr. Carmelo Galea nomine u in vista tan-nota ta' cessjoni ta' Dr. Michelle Tabone nomine, taqta u tiddeciedi billi:

> Tilqa l-eccezzjoni tal-konvenut Registratur tal-Artijiet ghal dak li jirrigwarda l-Kap tal-ispejjes; taqta u tiddeciedi billi tilqa l-ewwel talba ta' Dr. Patrick Valentino Nomine billi tiddikjara u tiddeciedi illi l-kuntratt ta' koncessjoni enfitewtika ta' l-art "Ta' Vardati", datat 18 t'April 1992, fl-atti tan-Nutar Dr. Paul

George Pisani, **hu null u bla effett** ghax maghmul "a non domino" u bi ksur ta' l-Istatutum imsemmi, billi l-koncedent Richard dei Conti Stagno Navarra Muscati ma kienx il-pussessur legittimu tal-Beneficcju tal-Giuspatronat Lajkali ta' Sant' Antonio delli Navarra, proprjetarju tat-territorju koncess, u f'kull kaz l-istess koncessjoni saret nullament minghajr l-Awtorizzazzjoni mehtiega;

Tilqa t-tieni talba ta' Dr. Patrick Valentino nomine fis-sens li tordna r-Registratur tal-Artijiet jikkorregi billi jikkancella kull applikazzjoni ghall-registrazzjoni tal-art fuq indikata li setghet saret, u jikkancella kull registrazzjoni tal-art fuq indikata jekk twettqet, sabiex jigi rifless dak deciz minn din il-Qorti fl-ewwel talba u dana skont l-Artikolu 51 tal-Kap 296.

Bl-ispejjez kif mitluba kontra l-konvenuti Stagno Navarra u s-societa' Berracimp Ltd.

Il-Qorti tordna illi kopja tigi notifikata lir-Registratur tal-Artijiet.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**